**Vizjoni Fgura**

Il-Fgura llum il-gurnata tista' titqies bhala wiehed mic-centri kummercjali ewlenin fin-naha t'isfel ta' Malta. Din l-attivita` kummercjali aktar ma jmur aktar qed tizdied, anki minhabba l-fatt li l-Fgura huwa centru li trid tghaddi minnu biex tmur f'diversi postijiet.

Izda aktar ma jizdied il-kummerc aktar qeghda tinhass il-problema tat-traffiku u l-parkegg gewwa l-Fgura. Dan iwassal ukoll ghal livell gholi ta' nkwinament f'din iz-zona minhabba d-dhahen tal-karozzi, tat-trakkijiet u ingenji ohra. Dan ifisser li r-residenti tal-Fgura mhux qed jghixu f'ambjent b'sahhtu li jixirqilhom u jekk ma tigix indirizzata l-problema ser ikunu qed jigu esposti ghal riskji tremendi.

Sal-gurnata ta' llum mhux talli ma ttiehdux mizuri biex wiehed inaqqas l-inkwinament, imma saru jew ser isiru affarijiet li bihom il-problema se tkompli tikber. Nibdew mill-progett tar-riciklagg ta' Sant'Antnin. Minn l-ahhar ta' dan ix-xahar, it-traffiku gewwa l-Fgura se jkompli jizdied, minhabba li l-ammont ta' trakkijiet taz-zibel li ser jibdew jghaddu mill-Fgura lejn id-direzzjoni ta' Sant'Antnin. Ma ninsewx ukoll il-progett ta' Smart City. Minfejn ser jghaddu t-trakkijiet u l-makkinarji lejn il-Kalkara fil-perjodu li din qed tinbena? Minfejn ser jghaddi t-traffiku meta jkun hemm Smart City? Mhux qed nikkritika l-progett Smart City izda qed nistaqsi jekk u kif qed jigi ppjanat l-immaniggjar tat-traffiku!? Ser inkomplu nohonqu u mmarrdu l-Fgura u r-residenti taghha?

Dan in-nuqqas ta' ppjanar qieghed jaffettwa wkoll lill-postijiet bhal Wied il-Ghajn ghax minhabba n-nuqqas ta' ppjanar sar difficli li tasal Wied il-Ghajn minghajr ma tiltaqa' mat-traffiku. U allura min ikun hareg biex jirrilassa gewwa Marsaskala jispicca jifrustra ruhu bit-traffiku li jsib il-Fgura. Dan kollu sempliciment minhabba ppjanar hazin tat-toroq.

Problema kbira ohra fil-Fgura hija dik tal-parkegg. Hafna residenti jwahhlu fil-hwienet u jsostnu li din il-problema hija tort taghhom. Niftakru izda li l-hwienet qed jaghtu servizz lill-komunita` tal-Fgura kif ukoll lill-inhawi ta' madwarha. Barra minn hekk is-sidien tal-hwienet ikunu qed jaghmlu xoghlhom. Jiena nemmen li fejn hemm ir-rieda, wiehed jista' jsib soluzzjoni sabiex jintlahaq bilanc bejn il-komunita` kummercjali, dik residenzjali u l-vizitaturi. Bhal ma dejjem nghid in-negozjant u r-resident jistghu jikkumplimentaw lil xulxin.

Is-soluzzjoni mhux facli, anzi hija sfida iebsa. Pero` bil-volonta` u l-hegga li ghandna, naslu ghal soluzzjoni bl-ahjar mod possibli. Sabiex isir ezercizzju tajjeb, jehtieg li nisimghu l-partijiet kollha kkoncernati u nezaminaw dak li jkunu qed jghidulna. Ir-residenti tal-Fgura jafu fuq xiex qed nitkellem u kemm huwa mportanti li nindirizzaw din il-problema mill-aktar fis possibli ghax qed taffettwa:

- Lill-ambjent
- Lis-sahha tal-familji taghna
- Il-kwalita` tal-hajja tar-residenti

Nifhem li hemm aktar affarijiet xi jsiru gewwa l-Fgura, izda nemmen li l-aktar problem,i li ghandhom jigu ndirizzati b'urgenza huma t-traffiku, l-parkegg u l-ambjent. Ghaldaqstant nibqa' nimpenja ruhi biex filwaqt li nharsu u nkattru l-kummerc halli noholqu aktar xoghol; inkunu qed inharsu lejn il-bzonnijiet, is-sahha u d-dinjita` tar-residenti u tal-haddiema.

Ivan Buttigieg
www.ivanbuttigieg.com
**Kandidat Laburista (Fgura, Wied Il-Ghajn, Zejtun)**